**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Illum, 15 ta' Marzu 2018

Rikors Numru 372/2017 GM

IGS N.V. (8048-JAZ201 3015) ta' Orionweg 10C, Willemstad, Curacao kif rapprezentata minn Dr Michele Tufigno (karta tal-identita numru 227087) fil-kwalita tieghu ta' prokuratur specjali tal-istess

vs

Limas Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici fejn talbet lill-Qorti sabiex is-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' disat elef ewro (€9000), rapprezentanti l-prezz minnhom dovut fuq il-fatturi numru 20170601-535 u 20170703-567 ghall-provvista ta' servizzi, drittijiet u prodotti informatici lilhom issupliti fuq ordni taghhom stess.

Bl-imghax dekorribbli mit-3 ta' Lulju 2017 u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju 2017 u tal-mandat ta' sekwestru numru 2411/2017.

Is-soċjeta` konvenuta ġiet inġunta għas-subizzjoni fl-istess Avviż tat-Talba;

Rat li s-soċjeta` konvenuta, debitament notifikata fis-17 ta' Jannar 2018, u msejjħa tlett darbiet fl-ewwel udjenza, u ċjoe` dik tal-14 ta' Frar 2018, ma dehritx;

Rat li, fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2017, is-soċjeta` intimata reġgħet ma dehritx u s-soċjeta` rikorrenti ppreżentat Kapitoli għas-subizzjoni tas-soċjeta` intimata, li bih riedet tipprova bil-ġurament tagħha li hija debitriċi tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż, liema Kapitoli ġew approvati minn din il-Qorti;

Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tas-soċjeta` intimata;

Rat li, minkejja dan, is-soċjeta` intimate baqgħet ma dehritx biex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni;

Tqis għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors promotur.

Maġ. Grazio Mercieca